1.

PROF. PAWLU TABONE O.F.M.



# TBERIK ID-DJAR FI ŻMIEN IL-GHID

PROF. PAWL TABONE, O.F.M.

# TBERIK ID-DJAR FI ŻMIEN IL-GHID

MALTA
BRARY

TIP. GIOV. MUSCAT - MALTA

Nihil obstat
Datum Melitæ die 25 Octobris 1947
FR. JOSEPHUS XUEREB, O.P.
Cens. Theol.

Imprimi potest
Vallettæ, die 16 Novembris 1947
P. ANGELICUS AZZOPARDI, O.F.M.
Min. Provlis.

Imprimatur
Datum in Curia Archli. Melit. die 17 Nov. 1947
† EM. GALEA, Ep. Trallian. in Asia.
Vig. Gen.

LILL-ARĊIPRIETI, KAPPELLANI

U VIGARJI KURATI

TAL-

GŻEJJER MALTIN.

# TBERIK ID-DJAR FI ŻMIEN IL-GĦID

## X'JIĠIFIERI TBERIK ID-DJAR

Il-kelma *tberik* tfisser tixtieq il-ġid lil xi ħadd, jew tgħid il-ġid fuq xi ħadd, mill-latin *benedicere*. Ara kemm hu ħekk, aħna ta' sikwit ingħidu jew nisimgħu lil min igħid: "Alla jbierku kemm jaħdem, kemm jiflaħ, kemm hu bravu!" u kliem ieħor bħal dan. B'dan il-kliem nkunu nsemmu fil-ġid lil xi ħadd u nixtiequlu li l-Bambin ikompli miegħu u jeħelsu minn kull għajn u minn kull deni ieħor.

Mela t-*Tberik tad-djar* ifisser xewqa ta' ġid, ta' hena u ta' ferħ fid-djar. Il-Qaddej t'Alla jitlob lill-Mulej u jqanqlu

sabiex jixħet il-barka tiegħu fid-djar u jwarrab minnhom il-ħem, kull xbiek tad-demonju u jżommhom ħenjin.

Il-Knisja Mqaddsa trid li dan it-tberik isir nhar Sibt-il-Għid, bħalma jsir Ruma u f'xi naħħiet oħra tad-dinja, u għalhekk jissejjaħ *ta' l-Għid*. Madankollu dan it-tberik jista' jsir ukoll f'jum ieħor tas-sena skond l-użu tal-pajjiż (1). Fil-gżejjer tagħna t-tberik jibda nhar Sibt-il-Għid u jibqa' sejjer, mhux biss għal ma' tul it-tmient ijiem ta' l-Għid, imma għal xi ġranet oħra wara wkoll (2).

---

(1) Can. 462, n. 6.

(2) Il-Kappellan, jew min floku, ma jistax jibda dan it-tberik qabel Sibt-il-Għid. *S.C.R., 20 Nov. 1885.* Jekk ibierek xi djar qabel dak-in-nhar jew wara li jispiċċa żmien-il-Għid għandu juża l-formula għal barra żmien-il-Għid, dik li tinsab fil-*Kap V, Tit. VIII tar-Ritwal* u fil-faċċ. 24 ta' dan il-ktieb. *Perfice Munus,* 1927, p. 570 n. 2; 1928, p. 278.

## META BEDA T-TBERIK TAD-DJAR

Dan it-tberik hu bil-bosta antik qalb l-insara. X'uħud iżommu li ġie mwaqqaf mill-Papa Alessandru I fis-seklu II. Oħrajn jaħsbu li, jekk mhux fis-seklu II, għall-iżjed, fis-seklu V. Imma l-iktar prova ċerta tat-tberik id-djar insibuha fil-ktieb imsemmi *Sagramentarju ta' Ġelone* miktub fis-seklu VIII. Minn dan il-ktieb aħna naqbdu li, meta kien jitbierek sollennement l-ilma tal-Fonti nhar Sibt-il-Għid, l-insara kienu jieħdu minn dak l-ilma u jġorruh fi djarhom. L-użu, imma, li s-Saċerdot beda jmur ibierek id-djar hu bil-bost'inqas antik. X'uħud jaħsbu li dan l-użu beda wara s-seklu XIII. F'dan is-seklu kienet daħlet id-drawwa li l-Kappellan, kull nhar ta' Ħadd, kien jibgħat lil dawk iż-żgħażagħ li kienu jitgħallmu għal saċerdoti,

bl-ilma mbierek għand dawk il-familji li kienu jixtiequ minn dan l-ilma. Ġewwa l-Ingliterra dan ix-xogħol kien imħolli għal dawk iż-żgħażagħ fqar, sabiex ikunu jistgħu jħallsu l-iskola b'dik ix-xi ħaġa li kienu jaqilgħu minn għand il-familji.

Hu x'inhu, hi ħaġa żgura li fis-seklu XVI is-saċerdot kien imur hu n-nifsu jbierek id-djar f'Sibt-il-Għid. Dan jixhedulna r-*Ritwal* tal-Papa Gregor XIII, imsejjaħ ukoll ir-*Ritwal tal-Kardinal Santerio*, miktub fis-sena 1584 (1).

---

(1) *P. Munus*, 1928, p. 275.

## MIN JISTA' JOĦROĠ IBIEREK ID-DJAR FI ŻMIEN-IL-GĦID

Ir-*Ritwal* igħid illi l-Kappellan, jew saċerdot ieħor bis-sensja tiegħu, għandu jbierek id-djar tal-parroċċa tiegħu (1). Mela l-Kappellan biss għandu l-jedd għal dan it-tberik, bħalma jidher iktar biċ-ċar mill-*Kodiċi* l-ġdid tal-Knisja (2). U hekk jixraq għaliex il-Kappellan hu dak li jqaddes ir-ruħ tal-parroċċani tiegħu bis-sagrament tal-Magħmudija; hu li jgħallimhom r-reliġjon nisranija u jħejjijhom għas-sagramenti l-oħra. F'kelma waħda, il-Kappellan hu dak ir-Ragħaj li jieħu ħsieb il-merħla tiegħu. Mela hu biss għandu jkollu l-jedd li joħroġ ibierek id-djar tal-parroċċa tiegħu.

---

(1) *Tit. VIII, c. IV.*
(2) Can. 462, n. 6.

Iżda hi ħaġa minn ewl id-dinja li l-Kappellan jista' iqabbad lil xi saċerdot ieħor minn floku, u, fost kulħadd, jixraq li jqabbad lil dawk li jkunu hemm biex igħinuh fix-xogħol imqaddes tiegħu. għu.

Minn dan li għedna jidher ukoll li l-Kappellan ma' jistax ibierek id-djar ta' parroċċa oħra (1).

L-anqas il-patrijiet, jekk ma jkollhomx il-parroċċa, ma jistgħu joħorġu jbierku d-djar fi żmien-il-Għid minn jeddhom (2). Anqas il-Kappellan ma jista' jqabbad lil dawk li għadhom mhumiex saċerdoti. L-anqas id-Djakni stess ma jistgħu joħorġu jbierku, avvolja jkunu waslu biex iqaddsu u avvolja dan it-tberik hu kollu kemm hu magħ-

(1) *S.C.C. 17 Jun. 1719.*
(2) *S.C.C. 23 Nov. 1619; 2 Jul. 1620.*

mul mill-Knisja u mhux minn Ġesù Kristu. Anqas għall-bżonn ma jistgħu jaqdu lill-Kappellan f'din il-ħaġa, u għalhekk, jekk joħorġu jbierku, it-tberik tagħhom xejn ma jkun jiswa. U mbagħad xi bżonn jista' jkun hemm jekk dan it-tberik jista' jsir ma' tul iż-żmien ta' l-Għid kollu? Għalhekk ukoll x'uħud mill-għorrief iżommu lil dawk id-Djakni li joħorġu jbierku, avvolja bis-sensja tal-Kappellan, jaqgħu *irregulari* (1).

---

(1) P. M. 1926, p. 406; 1927, p. 572; 1929 p. 189; 1935, p. 5.

## LIL MIN GĦANDU JSIR DAN IT-TBERIK

Il-Kappellan, kif jidher mir-*Ritwal* u mill-*Kodiċi* li semmejna, għandu mhux biss *il-jedd*, imma *d-dmir* ukoll li joħroġ ibierek id-djar tal-parroċċani tiegħu kollha, basta imma dawn ma jkunux *indenji pubblikament.*

Għidna l-ewwelnett li għandu d-*dmir*. Mela ma jistax iħalli minn jeddu t-tberik ta' l-Għid u lanqas ma jista' jbierek lil x'uħud u ma jbierikx lil xi oħrajn għax fil-bogħod jew fqar. Il-Kappellan jeħtieġ ikun jaf li għandu jkun bħala Ragħaj tajjeb li jersaq ta' kull tant lejn in-nagħġiet ġwejdin tiegħu u li jmur ifittex ukoll lill-oħrajn, xi ftit imqarbin, li jitbegħdu mill-merħla u forsi wkoll jintilfu. Il-Kappellan hu dak il-bnie-

dem li bil-presenza tiegħu għandu jfittex li jiftaħ u jwitti t-triq tas-sema għal dawk l-erwieħ li Alla jkun fdalu f'idejh.

Għidna wkoll: *basta ma jkunux indenji pubblikament*, jiġifieri skond il-fehma ta' kulħadd ma jkunx jistħoqqilhom it-tberik imqaddes. Skond il-liġijiet ta' San Karlu Borromew ma kenux jistgħu jitbierku dawk id-djar li fihom kienu jgħammru l-iskumnikati, dawk li kienu jisilfu l-flus b'imgħax kbir, dawk li kienu jagħmlu xi delitti kbar, in-nisa ta' ħajja ħażina u midimbin oħra magħrufin minn kulħadd, ngħidu aħna dawk li mhumiex miżżewġin bil-Knisja. Dawk id-djar ukoll li fihom kien isir fil-beraħ il-logħob projbit, ma kenux jistgħu jitbierku, aħseb u ara dawk il-postijiet l-oħra li fihom jinżammu xi bnedmin għad-dnub, jew dawk li fihom jinżamm

xi sfin jew ballijiet skankalużi jew xi wirjiet oħra ħżiena u ta' ħsara lill-erwieħ.

Dawn il-liġijiet kienu magħmulin biss għall-belt ta' Milan; iżda, ġaladarba kienu saru f'Konċilju ta' stima kbira, jista' wieħed iżommhom bħala mera sabiex jaħrab kull periklu għalih in-nifsu u jżomm dejjem il-ġieħ li jistħoqq lill-ħwejjeġ imqaddsa ta' Ommna l-Knisja. F'kull diffikolta li tista' tinqala, l-aħjar ħaġa hi, li l-Kappellan, qabel ma jaqbeż xi dar, jistaqsi lill-Isqof u joqgħod għall-ordnijiet tiegħu ħ1).

---

(1) P. M. 1926, p. 228; 1927, p. 573; 1931, p. 276; 1939, p. 124.

## KIF GĦANDNA NILQGĦU LILL-KAPPELLAN

Il-Kappellan hu l-missier tagħna, ir-Ragħaj tagħna, il-mexxej tagħna. Hu l-bniedem t'Alla li jiġi ġod-dar tagħna fl-isem t'Alla. Hu l-qaddej tal-Mulej li jġibilna l-bxara tas-sultan tiegħu. U kif nilqgħu lil xi ministru ta' xi sultan kieku kellu jiġi jagħmlilna xi żjara? Mhux jewilla bil-qima kollha u b'imħabba sħiħa? Hekk mela għandna nilqgħu lill-Kappellan tagħna. Minn kif nilqgħu lill-Kappellan aħna nistgħu nitkellmu fuq il-ġid jew fuq il-kastigi li Alla jibgħat fid-djar li jidħol fihom. Alla jgħożż tabilħaqq lill-Ministri tiegħu. Min iqim lis-Saċerdot ikun iqim 'l Alla n-nifsu, u min iżeblaħ lis-Saċerdot ikun iżeblaħ 'l Alla. Dan qalu Ġesù stess lill-Appostli tiegħu (1).

---

(1) Luc. X, 16.

Mela jeħtieġ li lill-Kappellan nilqgħuh sewwa kif jixraq, mhux bierdin, wisq iż-jed imqarrsin. Għandna nilqgħuh mhux bħal bniedem ieħor, imma bħala wieħed magħżul fost ħafna, mn'Alla n-nifsu, sa-biex, bl-istola f'għonqu, jiġi fi djarna fl-isem t'Alla u bħala rappreżentant tar-reliġjon imqaddsa tagħna. U, jekk aħna jkollna mnejn, ma ninsgħux nagħtuh xi rigal ċkejken, għax dan ukoll hu dmir tagħna, biex nuruh il-qima tagħna.

---

## KIF GĦANDNA NĠIBU RUĦNA WAQT IT-TBERIK

Malli jasal il-Kappellan id-dar tagħna, għandna l-ewwelnett inselmulu, ninżlu għar-rkuptejna u nroddu s-Salib fil-waqt li hu jroxx fuqna l-ilma mbierek. Fl-istess waqt għandna nqanqlu ġewwa fina ħsibijiet ta' ħniena, u ta' sogħba ta' dnubietna bil-fehma li nsiru dejjem aħjar. Il-kap tad-dar, imbagħad, għandu jmexxi lill-Kappellan u jurih il-kmamar u l-postijiet l-oħra li għandhom jitbierku.

Wara t-tberik, il-familja kollha jekk jista' jkun, għanda tkun hemm miġbura biex il-Kappellan ikun jista' jagħraf lil kulħadd u, għall-inqas, ikun jista' jgħidilhom kelma ta' faraġ. Mela jiżbaljaw bl-oħxon dawk li fi djarhom, dak in-nhar, iħallu lil xi xiħ jew lis-sef-

tura tistenna u tilqa' lill-Kappellan. Jiżbaljaw ukoll dawk l-oħrajn li, meta jasal il-Kappellan, jitilqu mid-dar jew jinħbew għaliex jibżgħu jew jistħu minnu. Hemm oħrajn, imbagħad, li jibqgħu bil-qegħda, jew ikomplu jaħdmu bħallikieku ħadd ma daħal u bla ma jimpurtahom xejn mit-tberik, u, forsi wkoll, issib minn dawk li jgħaddu biż-żuffiet lill-Kappellan u jiddieħku bit-tberik imqaddes bħala ħaġa żejda jew antika. Iżda jkunu jafu dawn il-flien li huma nfushom ikunu juru kemm huma lura u kemm huma nieqsin mit-tagħlim tar-ruħ u ta' mġieba tajba. Jiftakru wkoll illi, fil-waqt li ma jkunux iridu l-barka t'Alla, tinżel fuqhom is-saħta Tiegħu ġewwa darhom, u msejknin huma dawk id-djar li ġewwa fihom tkun tinsab is-saħta tas-Sema !

## KIF ISIR IT-TBERIK

Ir-*Ritwal* ighid li l-Kappellan, jew Saċerdot ieħor bis-sensja tiegħu, liebes l-ispellizza u l-istola bajda, fil-waqt li jidħol fid-dar, ighid: —

1. *Il-paċi lil din id-dar. U lil dawk kollha li jgħammru fiha.*

Minn hawn tara li mhux biżżejjed li jroxx l-ilma mbierek minn barra jew mill-bieb tad-dar; iżda jeħtieġ li jidħol ġewwa. Imma minn-naħa l-oħra, mhux meħtieġ li l-Kappellan idur it-toqob kollha tad-dar, u lanqas li jitla' u jinżel it-tirġien kollha. Hu biżżejjed li jbierek il-postijiet ewlenin, għax it-tberik jinxtered ma' kull naħa.

Imbagħad jibda jbierek id-dar fil-waqt

li jgħid il-kliem sabiħ meħud mill-Kotba Mqaddsa: —

2. *Rajt l-ilma ħiereġ min-naħa tal-lemin tat-tempju, ferħ 'l Alla! U dawk kollha li ħdejhom wasal dak l-ilma, salvaw u qalu ferħ 'l Alla, ferħ 'l Alla!*

Wara, l-Kappellan jistieden lill-insara sabiex jagħtu tifħir 'l Alla li hu ta' tieba u ħniena bla qies, bl-ewwel vers tas-salm 106:

3. *Agħtu tifħir lis-Sinjur għax hu twajjeb, għaliex il-ħniena tiegħu tibqa' għal dejjem.*

Imbagħad jagħti glorja lit-Trinità Mqaddsa billi jgħid:

4. *Glorja 'l Missier, 'l Iben u 'l l-Ispirtu Santu,* u jarġa' jgħid l-istess antifona ta' qabel: *Rajt l-ilma* etc.

Il-kelma *ferħ 'l Alla* tingħad ħafna drabi għax żmien-il-Għid hu żmien il-ferħ għall-Knisja ġaladarba l-Għarus tagħha issa jinsab irxoxtat mill-mewt għall-ħajja.

Il-Kappellan għal darb'oħra jerġa' jsejjaħ il-ħniena t'Alla u jgħid:—

5. *Urina, o Sinjur, il-ħniena tiegħek, ferħ 'l Alla. U agħtina l-Ħarries tiegħek, ferħ 'l Alla.*

6. *Isma, o Sinjur, it-talba tiegħi. U l-għajta tiegħi tasal sa ħdejk.*

7. *Is-Sinjur Alla magħkom. U mar-ruħ tiegħek.*

Fl-aħħar jispiċċa b'din it-talba sabiħa, innu ta' twemmin, ta' ferħ u ta' tama.

8. NITOLBU: *Ismagħna, o Sinjur qaddis, Missier li jista' kollox, Alla dejjie-*

*mi; u bħalma inti ħarist mill-qilla ta' l-Anġlu d-djar tal-Lhud, fil-ħarġa mill-Eġittu, li kienu midlukin bid-demm tal-ħaruf (li kien ifisser il-Għid tagħna li fih ġie maqtul Kristu), hekk ukoll kun ħanin ibgħat l-Anġlu tiegħek mis-sema li jħares, iqawwi, igħin, iżur u jaqbeż għal dawk kollha li jgħammru f'din id-dar. F'ġieħ Kristu n-nifsu, Sinjur tagħna. Hekk ikun* (1).

---

(1) Biex tifhem sewwa din it-talba jeħtieġ tkun taf illi, meta l-Lhud kienu fil-jasar ġewwa l-Eġittu, Alla qatagħha li jiggastiga lis-Sultan talli kien jaħqar lill-poplu lhudi. Fl-istess ħin Alla qal lil Mosè sabiex igħid lill-poplu tiegħu jidlek bid-demm tal-ħaruf ta' l-Għid il-bibien tad-djar tagħhom sabiex ikunu jintgħarfu minn dawk tan-nies ta' l-Eġittu. Mal-lejl ġie l-Anġlu t'Alla, daħal f'kull dar li ma kenitx imċappsa bid-demm u għamel qerda li tbażża' billi qatel lill-ewwel iben ta' kull familja ma' l-Eġittu kollu. (Ex. XII, 21-30).

## LIEMA HUMA L-EFFETTI TAT-TBERIK

Huma ħafna; imma, skond it-teoloġi, l-ewlenin huma dawn il-ħamsa:

1) Iġib ħafna *grazzi attwali* li jikkonsistu f'dak id-dawl li l-bniedem iħoss f'moħħu biex jagħraf aħjar liema hu t-tajjeb li għandu jagħmel, u liema hu l-ħażin li għandu jaħrab, u f'dak it-tqanqil u għajnuna fir-rieda tiegħu biex jagħmel it-tajjeb u jħobb 'l Alla. F'kelma waħda, dawn il-grazzi jqanqlu u jgħinu 'l-bniedem sabiex igħix tabilħaqq ta' nisrani, jekk irid isalva. Jidher ċar li dawn il-grazzi jista' jaqlagħhom dak ukoll li jkun jinsab fid-dnub, basta imma jirċievi t-tberik bil-qima li tistħoqqlu.

2) Jaħfer id-dnubiet venjali jew żgħar. Min hu dak li ma għandux minn

dawn id-dnubiet? Iżda l-ħażin hu li ta' kull tant isiru bil-ħżunija kollha, u jekk ma jitneħħewx ta' sikwit minn fuq il-kuxjenza tagħna, bil-mod il-mod iwaqqgħuna fid-dnub il-mejjet. Id-dnubiet venjali huma bħala kalamita għad-dnubiet il-mejta.

Iżda hawn jeħtieġ inżidu li min ikun fid-dnub il-mejjet ma jaqlax dan l-effett, għax id-dnubiet żgħar ma jinħafrux bla ma jinħafru l-kbar. Dawn jistgħu jinħafru jew bi qrara tajba jew b'att ta' sogħba u ndiema sħiħa bix-xewqa tal-qrar.

3) Skond x'uħud jaħfer, jew għall-inqas inaqqas il-piena li tistħoqq lid-dnub. Meta l-midneb sogħbien jitlob maħfra 'l Alla, dan Alla jaħfirlu l-*ħtija*, iżda mhux dejjem il-*piena temporali*, li jkollu ta' bil-fors iħallasha jew f'din id-dinja

bil-penitenza u għemil ieħor tajjeb, jew fid-dinja l-oħra fin-nar tal-Purgatorju.

Kemm għandna mela nafuhulu 'l Alla ta' tant ħniena li wera magħna biex jeħlisna mill-kastigi ta' did-dinja u ta' l-oħra! Dan l-effett nistgħu noffruh ukoll lill-erwieħ tal-Purgatorju. U nżid ingħid li kull meta nieħdu l-ilma mbierek u nroddu s-Salib, b'qalb sogħbiena, naqilgħu l-indulġenza ta' 300 jum li nistgħu noffruha għalina jew għall-erwieħ tal-Purgatorju (1).

4) Ikeċċi u jżomm il-bogħod minn djarna d-demonju u l-qerq tiegħu. San Pietru jxebbaħ lid-demonju lill-ljun irrabbjat li jdur dejjem 'l hinn u 'l hemm ifittex lil min jiggranfa (2). Kemm deni jista' jagħmlilna d-demonju mhux biss

(1) Collect. Ind., 1938, n. 631.
(2) I Pet. V, 8.

f'ruħna u fi ħwejjiġna, hi ħaġa magħrufa mill-Knisja nfisha. Għalhekk fl-istess tberik ta' l-ilma, il-Knisja żżid dawn il-kelmiet: *sabiex kulfejn jiġi mraxxax dan l-ilma, bis-sejħa ta' ismek l-imqaddes, tiġi mbegħda kull ħsara ta' l-ispirtu ħażin.*

4) Iġib ir-riżq u l-ġid fil-familji, fir-rħula, fl-ibliet, fid-dinja għaliex ifejjaq il-mard, ibiegħed il-flaġelli u deni ieħor tal-ġisem. Min ma jafx li l-bniedem meta jidneb ikun jeħodha ma' Alla? Għalhekk Alla jista' jikkastiga lil dan il-midneb b'ħafna hem li jibgħatlu. Għandna eżempji biżżejjed! Iżd'Alla ħanin jaħfer u jżomm idejh fuq dawk kollha li jużaw dawn il-ħwejjeġ imqaddsin li għamlet il-Knisja għall-ġid ta' kulħadd

## GĦELUQ

Nrċievu mela lkoll kemm aħna t-tberik imqaddes b'tieba kbira, b'fidi qawwija u b'qima liema bħala, sabiex il-Kbir Alla jkollu ħniena minna, l-iktar f'dawn iż-żmenijiet tal-biża' u ta' qtigħ il-qalb, u jixħet xita ta' grazzi fuqna, fuq id-dar tagħna, fuq il-familji tagħna, fuq dak kollu li għandna, fuq il-gżejjer tagħna, u jeħlisna minn kull deni u minn kull hem sew tar-ruħ kemm ukoll tal-ġisem.